SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

1 ta’ Awwissu 2025 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2009/147/KE – Konservazzjoni ta’ għasafar selvaġġi – Artikolu 5 – Projbizzjonijiet intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tal-għasafar – Artikolu 9 – Derogi – Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Projbizzjoni ta’ qtugħ ta’ siġar matul il-perijodu ta’ riproduzzjoni u ta’ trobbija tal-għasafar”

Fil-Kawża C-784/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), permezz ta’ deċiżjoni tad-19 ta’ Diċembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta’ Diċembru 2023, fil-proċedura

OÜ Voore Mets,

AS Lemeks Põlva

vs

Keskkonnaamet,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, D. Gratsias, E. Regan, J. Passer (Relatur) u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: C. Strömholm, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta’ Diċembru 2024,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal OÜ Voore Mets, minn I. Veso, vandeadvokaat,

– għal AS Lemeks Põlva, minn A. Hainsoo u M. Paloots,

– għall-Gvern Estonjan,, minn M. Kriisa, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Estonjan.

– għall-Gvern Finlandiż, minn H. Leppo u M. Pere, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, minn F.-L. Göransson u C. Meyer-Seitz, bħala aġenti,

– għall-Parlament Ewropew, minn M. Allik u W. D. Kuzmienko, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. Alver u A. Maceroni, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Randvere u N. Ruiz García, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(a), (b) u (d) u tat-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-għasafar"), kif ukoll tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, rispettivament, OÜ Voore Mets u AS Lemeks Põlva mal-Keskkonnaamet (l-Uffiċċju għall-Ambjent, l-Estonja) dwar ordnijiet li permezz tagħhom dan tal-aħħar issospenda l-qtugħ tas-siġar sabiex jipproteġi r-riproduzzjoni tal-għasafar.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar l-għasafar

3 Il-premessi 3, 5, 7, 8 u 10 tad-Direttiva dwar l-għasafar jistipulaw:

"(3) Numru kbir ta' speċi ta' għasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri qed jonqsu fin-numru, f'ħafna każi b'mod mgħaġġel. Dan it-tnaqqis jirrapreżenta theddid serju għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali, partikolarment minħabba l-bilanċi bijoloġiċi mhedda minn dan.

[…]

(5) Il-konservazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar selvaġġi naturali li jinsabu fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri hija neċessarja biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità rigward it-tmexxija 'l quddiem tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-iżvilupp sostenibbli.

[…]

(7) Il-konservazzjoni hija mmirata lejn il-protezzjoni fit-tul u l-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali bħala parti integrali tal-patrimonju tal-poplu tal-Ewropa. Din tagħmel possibbli l-kontroll tar-riżorsi naturali u tirregola l-użu tagħhom fuq il-bażi tal-miżuri neċessarji għal manutenzjoni u l-aġġustamenti tal-bilanċi naturali bejn speċi sakemm huwa raġonevolment possibbli.

(8) Il-preżervazzjoni, il-manutenzjoni jew ir-restawrazzjoni ta' diversità u ta' żoni ta' habitat suffiċjenti huma essenzjali għall-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar. Ċerti speċi tal-għasafar għandhom ikunu suġġetti għal miżuri speċjali ta' konservazzjoni li jikkonċernaw l-ambjent naturali tagħhom bl-għan li jassiguraw is-sopravvivenza tagħhom u r-riproduzzjoni tagħhom fiż-żoni tad-distribuzzjoni tagħhom. Miżuri simili għandhom jieħdu wkoll in kunsiderazzjoni l-ispeċi li jemigraw u għandhom ikunu koordinati bl-għan li jirriżultaw f'koerenza sħiħa.

[…]

(10) Minħabba l-livell għoli tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduzzjoni tagħhom fil-Komunità kollha, ċerti speċi jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa, li jikkostitwixxu sfruttar aċċetabbli. Għaldaqstant, ċerti limiti huma stabbiliti u rispettati, kaċċa bħal din għandha tkun kompatibbli mal-manteniment tal-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi f'livell sodisfaċenti."

4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Din id-Direttiva hija dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Din tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċi u tippreskrivi regoli għall-isfruttar tagħhom."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"L- Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali."

6 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva jiddisponi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

(b) il-qerda, jew il-ħsara intenzjonata lill-bejtiet u l-bajd tagħhom jew it-tneħħija tal-bejtiet tagħhom;

(c) teħid tal-bajd tagħhom fis-salvaġġ u ż-żamma ta' dawn il-bajd anke jekk vojta;

(d) it-tfixkil intenzjonat ta' dawn l-għasafar partikolarment waqt il-perjodu tat-tgħammir u tkabbir, sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' din id-Direttiva;

(e) iż-żamma tal-għasafar ta' speċi li l-kaċċa u l-qabda tagħhom hija pprojbita."

7 Skont kliem l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-għasafar:

"L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) – fl-interess tas-saħħa u s-siġurtá tal-pubbliku;

– fl-interess tas-sigurtà tal-ajru;

– biex ikunu prevenuti l-ħsarat serji tal-uċuħ, tal-bhejjem, tal-foresti, tas-sajd u tal-ilma;

– għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;

(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;

(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar."

Id-Direttiva dwar il-habitats

8 L-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-habitats") jiddisponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta' ħarsien strett ta' l-ispeċi ta' l-annimali msemmija fl-Anness IV (a) fil-firxa naturali tagħhom, u li jipprojbixxu:

(a) l-forom kollha ta' qbid volontarju jew qtil ta' kampjuni minn dawn l-ispeċi fis-selvaġġ;

(b) tfixkil volontarju ta' dawn l-ispeċi, speċjalment waqt il-perjodu tat-tgħammir, tkabbir, ibernazzjoni u migrazzjoni;

(ċ) qerda volontarja jew teħid tal-bajd mis-selvaġġ;

(d) deterjorazzjoni jew qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ.

2. Għal dawn l-ispeċi, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żamma, it-trasport u l-bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew skambju, ta' kampjuni meħuda mis-selvaġġ, ħlief għal dawk meħuda b'mod legali qabel ma tiġi implimentata din id-Direttiva.

3. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 (a) u (b) u fil-paragrafu 2 tgħodd għall-istadji kollha tal-ħajja ta' l-annimali li għalihom japplika dan l-Artikolu.

[…]"

Id-dritt Estonjan

Il-MS

9 L-Artikolu 28 tal-metsaseadus (MS) (il-Liġi dwar il-Foresti), tas-7 ta' Ġunju 2006 (RT I 2006, 30, 232), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali (RT I, 4.1.2021, 10) (iktar 'il quddiem il-"MS"), jipprevedi, fil-paragrafu 7 tiegħu:

"Il-qtugħ għall-manutenzjoni għandu jsir sabiex:

[…]

2) jiżdied il-valur tal-foresti, tiġi amministrata d-densità u l-kompożizzjoni tal-foresta u jiġi permess l-użu tal-injam minn siġar li x'aktarx jaqgħu fi żmien qasir (qtugħ tas-siġar tal-kenn);

[…]"

10 L-Artikolu 29(1) tal-MS jiddisponi:

"Fil-każ ta' tqaċċit totali tas-siġar, is-siġar kollha ta' żona ta' art għandhom jinqatgħu wara sena, bl-eċċezzjoni ta':

1) siġar li jġorru ż-żrieragħ, jiġifieri 20 sa 70 arżnu tal-Iskozja, *betula pendula*, fraxxnu, balluta Ingliża, almu iswed, ulmu abjad jew ulmu tal-Iskozja iżolati jew fi grupp żgħir għal kull ettaru, u siġar żgħar vijabbli għar-riforestazzjoni;

[…]

3) siġar għaż-żamma, jiġifieri siġar meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-bijodiversità, jew iz-zkuk prinċipali tagħhom dejjem wieqfa, b'volum totali ta' injam taz-zokk ta' mill-inqas ħames metri kubi għal kull ettaru, jew ta' mill-inqas għaxar metri kubi għal kull ettaru fil-każ ta' tqaċċit totali tas-siġar ta' iktar minn ħames ettari."

11 L-Artikolu 40 tal-MS jipprevedi:

"[…]

(2) L-Uffiċċju għall-Ambjent għandu d-dritt li joħroġ ordni billi juża l-għarfien espert dwar il-protezzjoni tal-foresti sabiex jipprevjeni l-ħsara lill-foresti u li din il-ħsara tinxtered. Minbarra r-referenzi previsti fil-punti 1 sa 5 u 7 sa 9 tal-Artikolu 25(9) ta' din il-liġi, l-ordni għandha tinkludi, fid-dispożittiv tagħha, ordni sabiex titwaqqaf l-attività ta' ħsara jew sabiex ma ssir ebda attività li tista' tikkawża ħsara, sabiex jiġi eliminat is-sors tal-perikolu u sabiex jitneħħew il-konsegwenzi tal-ħsara kkawżata. L-ordni għandha tiġi nnotifikata lid-destinatarju tal-obbligi li hija tistabbilixxi fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 25(8) ta' din il-liġi.

[…]

(10) Sabiex jiġu protetti l-annimali matul l-istaġun tar-riproduzzjoni tagħhom, il-Ministru responsabbli għall-qasam jista', permezz ta' regolament, jillimita l-qtugħ fil-popolazzjoni multifrontali u l-popolazzjoni mħallta fil-perijodu bejn il-15 ta' April u l-15 ta' Ġunju.

[…]”

12 L-Artikolu 41 tal-MS huwa fformulat kif ġej:

“(1) Il-proprjetarju tal-foresta jew ir-rappreżentant tiegħu […] għandu jissottometti komunikazzjoni forestali lill-Uffiċċju għall-Ambjent:

1) fuq il-qtugħ ippjanat, bl-eċċezzjoni ta’ qtugħ għal titjib;

[…]

(8) Jekk il-qtugħ ippjanat ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni, l-Uffiċċju għall-Ambjent għandu d-dritt li jirrifjuta li jirreġistrah, filwaqt li jagħti raġunijiet bil-miktub għar-rifjut tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex l-attività ssir konformi mal-leġiżlazzjoni.

(8^1) Jekk il-qtugħ ippjanat ikun konformi mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni, l-Uffiċċju għall-Ambjent għandu jirreġistrah fir-reġistru tal-foresti. […]”

Il-LoKS

13 Konformement mal-Artikolu 2 tal-loomakaitseseadus (LoKS) (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Annimali), tat-13 ta’ Diċembru 2000 (RT I 2001, 3, 4), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali (RT I, 30.12.2020, 12) (iktar ’il quddiem il-“LoKS”):

“(1) Għall-finijiet ta’ din il-liġi, […] għasfur […] huwa annimal.

[…]”

14 Bis-saħħa tal-Artikolu 7 tal-LoKS:

“(1) Sabiex tiġi evitata l-mewt ta’ annimali selvaġġi, l-awtoritajiet inkarigati mill-infurzar tal-liġi għandhom id-dritt:

[…]

3) li jissospendi x-xogħol […] forestali matul il-perijodu ta’ riproduzzjoni tal-annimali selvaġġi.

[…]”

Il-LKS

15 L-Artikolu 55 tal-looduskaitseseadus (LKS) (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura), tal-21 ta’ April 2004 (RT I 2004, 38, 258), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali (RT I, 30.12.2020, 7) (iktar ’il quddiem il-“LKS”), jiddisponi:

“(1) Il-qtil intenzjonali ta’ kampjun ta’ speċi protetta, ħlief għall-finijiet ta’ ewtanażja, huwa pprojbit.

[…]

(3) Il-qtil ta' kampjun ta' speċi protetta fil-Kategorija II jew III għandu jkun awtorizzat:

[…]

4) fejn meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara lil […] assi importanti oħra.

[…]

(5) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 […] u fil-punti 2 sa 5 tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, il-qtil tal-annimal għandu jkun suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju għall-Ambjent.

(5^1) L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 u fil-punti 1 u 2 tal-paragrafu 6^1 ta' dan l-artikolu tista' tingħata jekk ma jeżistux miżuri oħra li jagħmlu inqas ħsara lill-annimali u lill-għasafar sabiex tiġi riżolta s-sitwazzjoni. Il-permess għandu jsemmi

1) l-ispeċi u l-kampjuni li għalihom tingħata l-awtorizzazzjoni;

2) il-mezzi, l-apparati jew il-metodi awtorizzati għall-attivitajiet;

3) taħt liema kundizzjonijiet ta' perikolu jew ta' riskju, meta u f'liema post jistgħu jitwettqu l-attivitajiet;

4) id-destinatarju tal-awtorizzazzjoni;

5) il-mezzi ta' sorveljanza jew mezzi oħra ta' monitoraġġ u ta' kontroll tar-riżultati.

[…]

(6^1) Fil-każ ta' għasafar selvaġġi, dawn li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti:

1) il-qerda u l-ħsara intenzjonali tal-bejtiet u tal-bajd jew it-tneħħija tal-bejtiet, ħlief fil-każijiet previsti fil-punti 2 sa 5 tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu bl-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju għall-Ambjent;

2) it-tfixkil intenzjonali, b'mod partikolari matul it-tfisqija u t-trobbija, ħlief […] fil-każijiet previsti fil-punti 2 sa 5 tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu bl-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju għall-Ambjent […]

[…]"

Il-Kodiċi tal-Amministrazzjoni tal-Foresti

16 L-Artikolu 22 tal-metsa majandamise eeskiri (il-Kodiċi tal-Amministrazzjoni tal-Foresti) (RTL 2007, 2, 16), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (RT I, 6.4.2021, 8), jipprevedi:

"[…]

(5) L-inizjattiva tal-għarfien espert dwar il-protezzjoni tal-foresti għandha tittieħed mill-Uffiċċju għall-Ambjent abbażi tal-informazzjoni miksuba permezz ta' komunikazzjoni forestali jew bi kwalunkwe mezz ieħor:

1) bl-għan li tittieħed ordni intiża għall-prevenzjoni tal-ħsara lill-foresti u għall-prevenzjoni tat-tixrid tagħhom;

[…]

(6) Sabiex jiġi kkummissjonat għarfien espert dwar il-protezzjoni tal-foresti, il-proprjetarju tal-foresta għandu jissottometti lill-Uffiċċju għall-Ambjent komunikazzjoni ta' ħsara forestali intiża għar-riforestazzjoni ta' foresta li tkun inqerdet wara maltempata, għargħar, nirien forestali fuq skala kbira jew ħsarat sinjifikattivi oħra kkawżati minn fenomenu naturali […], jew li tkun f'saħħa ħażina minħabba fatturi naturali, kif ukoll ir-riforestazzjoni ta' popolazzjoni forestali li jkollha fenotip difettuż jew li, għal raġuni indipendenti mill-proprjetarju tal-foresta, ikollu żona ta' art u densità baxxa. […]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fir-rebbiegħa 2021, Voore Mets qatgħet is-siġar fuq l-art ta' Pällo-Reino, li tinsab fil-Komun ta' Jõgeva (l-Estonja), abbażi ta' komunikazzjoni forestali rreġistrati. Dan kien jikkonsisti fi tqaċċit totali tas-siġar, fis-sens tal-Artikolu 29(1) tal-MS.

18 Min-naħa tagħha, Lemeks Põlva xtrat mingħand il-proprjetarju tal-art ta' Järveääre, li tinsab fil-Komun ta' Põlva (l-Estonja), id-dritt ta' użu ta' injam mhux maqtugħ. Il-komunikazzjonijiet forestali tagħha tal-4 ta' Mejju 2021 kienu jipprevedu t-twettiq ta' qtugħ tas-siġar tal-kenn, fis-sens tal-Artikolu 28(7) tal-MS, fuq żona ta' din l-art u tqaċċit totali tas-siġar fuq erba' żoni oħra tal-imsemmija art.

19 Permezz ta' ordnijiet tas-17 u tal-21 ta' Mejju 2021, l-Uffiċċju għall-Ambjent issospenda, inizjalment sal-21 ta' Mejju 2021, imbagħad sal-31 ta' Lulju 2021, il-qtugħ tas-siġar imwettaq minn Voore Mets fuq l-art ta' Pällo-Reino. Permezz ta' ordnijiet tal-21 u tas-26 ta' Mejju 2021, l-Uffiċċju għall-Ambjent issospenda wkoll, inizjalment sas-26 ta' Mejju 2021, imbagħad sal-15 ta' Lulju 2021, il-qtugħ tas-siġar imwettaq minn Lemeks Põlva fuq l-art ta' Järveääre.

20 Dawn l-ordnijiet ġew adottati abbażi tal-punt 3 tal-Artikolu 7(1) tal-LoKS u tal-Artikolu 55(6[1]) tal-LKS. L-ewwel ordnijiet, jiġifieri dik indirizzata lil Voore Mets fis-17 ta' Mejju 2021 u dik indirizzata lil Lemeks Põlva fil-21 ta' Mejju 2021, huma bbażati fuq il-konstatazzjoni li tgħid li huwa xjentifikament ipprovat li kull foresta tospita mill-inqas koppja waħda ta' għasafar li jbejtu għal kull ettaru, b'tali mod li t-tkomplija tal-qtugħ tas-siġar toħloq riskju reali ta' tfixkil tal-għasafar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija, kif ukoll ta' qerda jew ta' ħsara tal-bejtiet. It-tieni ordnijiet, jiġifieri dik indirizzata lil Voore Mets fil-21 ta' Mejju 2021 u dik indirizzata lil Lemeks Põlva fis-26 ta' Mejju 2021, jindikaw, barra minn hekk, li ż-żjarat fuq l-artijiet ikkonċernati ppermettew li jiġi kkonstatat, f'kull wieħed miż-żewġ każijiet, li kien hemm tfisqija ċerta, probabbli jew possibbli ta' għaxar speċi differenti ta' għasafar fuq l-artijiet ikkonċernati.

21 B'mod iktar preċiż, minn naħa, skont l-ordni tal-21 ta' Mejju 2021, indirizzata lil Voore Mets, kienu nstemgħu għasafar jgħannu fuq l-art ta' Pällo-Reino waqt żjara fil-post organizzata fl-istess jum u l-għasafar li ġejjin, li fir-rigward tagħhom jista' raġonevolment jiġi preżunt li huma jbejtu fl-istess settur, kienu ġew identifikati permezz tal-għana jew tal-apparenza tagħhom: il-vjolin ħadrani *(Phylloscopus sibilatrix)*, il-bumistur ewrasjatiku *(Troglodytes troglodytes)*, il-malvizz iswed *(Turdus merula)*, il-malvizz *(Turdus philomelos)* u l-isponsun *(Fringilla coelebs)*. Barra minn hekk, ġiet ikkonstatata tfisqija probabbli tal-bulewż *(Sitta europaea)* u tal-bugeddum (Pyrrhula pyrrhula). Barra minn hekk, f'din l-ordni ġie rrilevat li kien probabbli ħafna li l-art ikkonċernata tospita wkoll il-vjolin tax-xitwa *(Phylloscopus collybita)*, il-vjolin pastard *(Phylloscopus trochilus)* u ż-żanżarell sidru aħmar *(Ficedula parva)*. F'dan il-kuntest, l-imsemmija ordni li tippreċiża s-sospensjoni tal-attivitajiet ta' qtugħ tas-siġar sal-31 ta' Lulju tiżgura l-protezzjoni ta' għasafar li jfaqqsu tard bħall-vjolin ħadrani.

22 Min-naħa l-oħra, skont l-ordni tas-26 ta' Mejju 2021, indirizzata lil Lemeks Põlva, iż-żjara fuq il-post ta' Järveääre ppermettiet li tiġi identifikata tfisqija ċerta tat-tektieka *(Dendrocopos major)* u tal-isponsun, tfisqija probabbli tal-fjorentin *(Parus major)* u tas-sultan taċ-ċawl *(Garrulus glandarius)*, kif ukoll possibbilment tfisqija tal-vjolin tax-xitwa, tal-vjolin ħadrani, tal-bekkafik *(Sylvia borin)*, tal-bumistur ewrasjatiku, taż-żiemel *(Prunella modularis)* u tal-pitirross *(Erithacus rubecula)*.

23 Ir-rikors, li permezz tiegħu Voore Mets titlob il-kumpens għad-dannu marbut mal-immobilizzazzjoni u sussegwentement mat-trasferiment tal-materjal forestali tagħha, li ġie kkawżat lilha mill-Uffiċċju għall-Ambjent minħabba żewġ ordnijiet li jikkonċernawha, ġie miċħud mit-Tallinna Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn, l-Estonja). Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mit-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn, l-Estonja).

24 Fir-rigward tar-rikorsi ppreżentati minn Lemeks Põlva bl-għan tal-konstatazzjoni tal-illegalità tal-ordnijiet li jikkonċernawha, it-Tartu Halduskohus (il-Qorti Amministrattiva ta' Tartu, l-Estonja) laqgħet parzjalment dawn ir-rikorsi u kkonstatat l-illegalità tal-ordni tas-26 ta' Mejju 2021, minħabba, b'mod partikolari, li hija ma tindirizzax il-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' projbizzjoni totali tal-qtugħ tas-siġar għal madwar xahar u nofs fir-rigward tan-numru ta' għasafar li jbejtu fuq l-art, il-perijodi ta' tfisqija ta' dawn l-għasafar u l-interessi ta' din ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u li din tal-aħħar ma kinitx instemgħet. Madankollu, it-Tartu Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tartu, l-Estonja) annullat din id-deċiżjoni sa fejn din kienet laqgħet l-imsemmija rikorsi.

25 Adita b'appelli minn Voore Mets u minn Lemeks Põlva, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), li hija l-qorti tar-rinviju, tistaqsi, fl-ewwel lok, dwar il-kwistjoni jekk il-kunċett ta' "intenzjonalità", fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar, għandux jinftiehem bl-istess mod bħal fil-każ tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Habitats, jiġifieri f'dan is-sens, b'mod partikolari, li l-kundizzjoni dwar in-natura intenzjonali għandha titqies li hija ssodisfatta mhux biss meta jiġi stabbilit li l-awtur tal-att ried il-qtil jew it-tfixkil ta' kampjun tal-għasafar jew ukoll il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom, iżda wkoll meta jiġi stabbilit li huwa, tal-inqas, aċċetta l-possibbiltà ta' tali qtil, tfixkil, qerda jew ħsara.

26 Fil-każ li dan huwa l-każ, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, fit-tieni lok, liema huma ċ-ċirkustanzi li huma suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li teżisti tali aċċettazzjoni. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-preżenza ta' koppja ta' għasafar għal kull ettaru, irrilevata fl-ewwel ordnijiet abbażi ta' data xjentifika, ma teċċedix neċessarjament il-limitu li minnu l-operatur forestali għandu jitqies li aċċetta l-possibbiltà li għasafar jinqatlu jew jiġu mfixkla, jew li l-bejtiet jew il-bajd tagħhom jiġu

meqruda jew issirilhom ħsara. Għall-kuntrarju, il-qorti tar-rinviju hija *a priori* tal-opinjoni li, mill-mument li fih jeżistu ċ-ċirkustanzi addizzjonali kkonstatati fit-tieni ordnijiet, hemm neċessarjament aċċettazzjoni tal-possibbiltà li t-tqaċċit totali tas-siġar imwettaq matul il-perijodu ta' tfisqija jikkawża l-mewt tal-għasafar u l-qerda tal-bejtiet u tal-bajd tagħhom. Madankollu, tista' tqum il-kwistjoni dwar jekk it-twettiq ta' qtugħ jistax jitqies li huwa qtil, tfixkil, qerda jew ħsara intenzjonali, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar, jekk xejn ma jippermetti li jiġi preżunt tfisqija tal-għasafar fil-perikolu fiż-żona tal-qtugħ u jekk l-attività kkonċernata għandhiex l-għan li toqtol jew li tfixkel l-għasafar jew ukoll li teqred jew li tagħmel ħsara lill-bejtiet. Il-fatt li l-ispeċi kollha ta' għasafar għandhom jaqgħu taħt sistema ta' protezzjoni ma jfissirx neċessarjament li l-għasafar kollha għandhom jiġu protetti bl-istess mod. Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jkun is-suġġett ta' interpretazzjoni teleoloġika, jiġifieri li tieħu inkunsiderazzjoni l-għan previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva.

27 Fit-tielet lok, għalkemm fil-qtugħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li hemm intenzjoni li jinqatlu jew li jiġu mfixkla l-għasafar jew ukoll li jinqerdu jew li ssir ħsara lill-bejtiet jew lill-bajd tagħhom, huwa neċessarju, skont il-qorti tar-rinviju, li jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar jippermettix deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tagħha.

28 Fl-aħħar nett, fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tqis li l-fatt li l-għoti ta' deroga ma huwiex possibbli jew huwa suġġett għal kundizzjonijiet stretti wisq jista', minħabba n-natura sproporzjonata tiegħu, imur kontra l-libertà ta' intrapriża u d-dritt fundamentali għall-proprjetà stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta, b'tali mod li tqum, jekk ikun il-każ, il-kwistjoni tal-konformità tad-Direttiva dwar l-għasafar mat-Trattati u tal-validità tagħha.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], jista' jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjonijiet li huwa jipprevedi japplikaw biss sa fejn dan ikun neċessarju sabiex il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati tinżamm f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rekreazzjonali, peress li l-qtil jew it-tfixkil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara fil-bejtiet jew il-bajd tagħhom ma huwiex għan tal-azzjoni?

2) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-[Direttiva dwar l-għasafar] ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-atti pprojbiti skont dawn id-dispożizzjonijiet huma intenzjonali matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar, b'mod partikolari meta, abbażi ta' data xjentifika u tal-osservazzjoni ta' għasafar individwali, jista' jitqies li, f'foresta li għandha tkun imnaddfa kompletament (tqaċċit totali tas-siġar), madwar għaxar pari ta' għasafar għal kull ettaru qed ibejtu, mingħajr ma ġie kkonstatat li kampjuni ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli qed ibejtu fiż-żona li ser titqaċċat?

3) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-[Direttiva dwar l-għasafar] ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-atti pprojbiti skont dawn id-dispożizzjonijiet huma intenzjonali matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar, b'mod partikolari meta, abbażi ta' data xjentifika u tal-osservazzjoni ta' għasafar individwali, jista' jitqies li, f'foresta li fiha parti biss mis-siġar ser jitqaċċtu (qtugħ tas-siġar tal-kenn), madwar

għaxar pari ta' għasafar għal kull ettaru qed ibejtu, mingħajr ma jkun hemm raġuni li wieħed jaħseb li kampjuni ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli qed ibejtu fiż-żona li ser titqaċċat?

4) It-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-[Direttiva dwar l-għasafar] ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-imsemmija direttiva, sabiex tippermetti t-twettiq tat-tqaċċit totali tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija?

5) It-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-[Direttiva dwar l-għasafar] ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-imsemmija direttiva, sabiex tippermetti t-twettiq tat-tqaċċit totali tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija?

6) Jekk id-[Direttiva dwar l-għasafar] ma tawtorizzax it-twettiq tat-tqaċċit totali tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija, tali sistema hija konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-[Karta] u tapplika anki jekk il-qtugħ ma jippreġudikax l-ispeċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli?

7) Jekk id-[Direttiva dwar l-għasafar] ma tawtorizzax it-twettiq tal-qtugħ tas-siġar tal-kenn matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija, tali sistema hija konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-[Karta] u tapplika anki jekk il-qtugħ ma jippreġudikax l-ispeċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

30 Voore Mets u Lemeks Põlva jqisu li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex ammissibbli. Fil-fehma tagħhom, id-domandi kollha magħmula, essenzjalment, diġà rċevew risposta fil-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699) u bl-ebda mod ma jirriżulta mis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166), li l-kunċett ta' "intenzjonalità" msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jiġi interpretat fl-istess sens bħal dak li jinsab fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats. Barra minn hekk, l-assenza ta' diffikultà legali li teħtieġ interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija kkonfermata mill-fatt li ebda Stat Membru ieħor minbarra r-Repubblika tal-Estonja ma jissospendi, abbażi tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva dwar l-għasafar, l-attivitajiet ta' qtugħ matul il-perijodu tar-rebbiegħa u tas-sajf fil-foresti intiżi għal użu forestali u li ma jibbenefikawx minn protezzjoni sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għasafar. Voore Mets iżżid li l-eżami tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jwassal sabiex jinqabeż it-terminu raġonevoli għat-trattament tal-kawżi prinċipali.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bis-saħħa ta' ġurisprudenza stabbilita, il-qrati nazzjonali għandhom l-iktar possibbiltà wiesgħa li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'domandi ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. Hija biss il-qorti nazzjonali, li

quddiemha tkun tressqet il-kawża, li hija l-unika waħda li taf id-dritt nazzjonali tagħha u li għandha tagħti d-deċiżjoni li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sa fejn id-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew il-validità ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, meħtieġa tagħti deċiżjoni. Minn dan isegwi li d-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ma għandha ebda konnessjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, jekk il-problema tkun ta' natura ipotetika kif ukoll jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tagħti risposta utli għall-imsemmija domanda (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, GE Auto Service Leasing, C-294/20, EU:C:2021:723, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Minn dan jirriżulta li l-fatt li r-risposta għad-domandi preliminari tista' tiġi dedotta mill-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699) u mis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166), u ma joħloq ebda diffikultà legali, anki jekk jitqies li huwa stabbilit, ma huwiex ta' natura li jirrendi t-talba għal deċiżjoni preliminari inammissibbli.

33 Fil-fatt, minn naħa, anki fil-preżenza ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssolvi l-punt ta' liġi inkwistjoni, il-qrati nazzjonali jżommu l-fakultà l-iktar wiesgħa li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk iqisu li dan ikun opportun, u l-fatt li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jkunu diġà ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tiddeċiedi mill-ġdid (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u, min-naħa l-oħra, bl-ebda mod ma huwa pprojbit għal qorti nazzjonali li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari li, fl-opinjoni ta' waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali, ir-risposta ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Viva Telecom Bulgaria, C-257/20, EU:C:2022:125, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 31 ta' din is-sentenza jirriżulta wkoll li t-tul tat-tilwima quddiem il-qrati nazzjonali ma huwiex rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn waħda minn dawn il-qrati skont l-Artikolu 267 TFUE.

35 Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-fatt li kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja huma obbligati josservaw il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jgħid li kull persuna għandha d-dritt li l-kawża tagħha tinstema' f'terminu raġonevoli li huwa riprodott fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") kif ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta.

36 Fil-fatt, l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikolu 6(1) tal-KEDB tikkostitwixxi limitu minimu ta' protezzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tagħha tad-drittijiet korrispondenti riprodotti fl-Artikolu 47 tal-Karta fid-dawl tal-Artikolu 52(3) ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2024, Ordre des avocats du Barreau de Luxembourg, C-432/23, EU:C:2024:791, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tul ta' proċedura quddiem qorti nazzjonali kisirx id-dritt previst fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB, il-proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan jippreġudika s-sistema stabbilita f'dan l-Artikolu 267 u l-għan essenzjalment imfittex mill-imsemmi Artikolu 267 (Qorti EDB, 26 ta' Frar 1998, Pafitis *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:1998:0226JUD002032392, punt 95, u Qorti EDB, 30 ta' Settembru 2003, Koua Poirrez vs Franza, CE:ECHR:2003:0930JUD004089298, punt 61).

38 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domandi preliminari

39 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Voore Mets tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi domandi differenti minn dawk magħmula mill-qorti tar-rinviju.

40 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti nazzjonali u mhux il-partijiet fil-kawża prinċipali li tiddeċiedi li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Is-setgħa li jiġu ddeterminati d-domandi li għandhom isiru lill-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk mogħtija biss lill-qorti nazzjonali u l-partijiet ma jistgħux jibdlu l-kontenut tagħhom (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, T-Mobile Czech Republic u Vodafone Czech Republic, C-508/14, EU:C:2015:657, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Minn dan isegwi li risposta għad-domandi magħmula mill-partijiet fil-kawża prinċipali hija inkompatibbli mar-rwol mogħti lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Artikolu 267 TFUE. Barra minn hekk, risposta għal dawn id-domandi tmur kontra l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura l-possibbiltà lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati li jippreżentaw osservazzjonijiet konformement mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-fatt li, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, T-Mobile Czech Republic u Vodafone Czech Republic, C-508/14, EU:C:2015:657, punt 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Konsegwentement, ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja minn Voore Mets.

Fuq l-ewwel domanda

43 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta l-għan tal-attività tal-bniedem ikkonċernata ma jkunx il-qbid, il-qtil jew it-tfixkil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom, il-projbizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni japplikaw biss sa fejn dawn ikunu neċessarji sabiex tinżamm jew tiġi adattata l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għal livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali.

44 L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar jobbliga lill-Istati Membri, bla ħsara għall-Artikoli 7 u 9 ta' din id-direttiva, jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni tal-ispeċi ta' għasafar kollha msemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva. Din is-sistema tinkludi, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-istess direttiva, il-projbizzjoni ta', l-ewwel nett, "il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu", it-tieni nett, "il-qerda, jew il-ħsara intenzjonata lill-bejtiet u l-bajd tagħhom jew it-tneħħija tal-bejtiet tagħhom" u, it-tielet nett, "it-tfixkil intenzjonat ta' dawn l-għasafar partikolarment waqt il-perjodu tat-tgħammir u tkabbir, sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' din id-Direttiva".

45 Fl-ewwel lok, kemm mill-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar moqri fid-dawl tal-Artikolu 1(1) ta' din tal-aħħar, kif ukoll mill-kuntest tal-imsemmi Artikolu 5 kif ukoll mill-għan u mill-iskop ta' din id-direttiva jirriżulta li l-projbizzjonijiet previsti f'dan l-aħħar artikolu japplikaw għall-ispeċi kollha ta' għasafar li jinsabu fin-natura fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalih it-Trattati jkunu applikabbli, mingħajr ma l-applikazzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet tkun, għaldaqstant, limitata għal ċerti speċi ta' għasafar konkreti jew għal speċi li huma mhedda f'ċertu livell jew li l-popolazzjoni tagħhom turi tendenza ta' tnaqqis fit-tul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen, C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punti 36, 37 u 45).

46 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar in-natura intenzjonali li tinsab fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar, għandu jiġi rrilevat li, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(1)(a) sa (ċ) tad-Direttiva dwar il-habitats, li jipprevedi projbizzjonijiet analogi għal dawk stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 5 (a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex din il-kundizzjoni tiġi ssodisfatta, għandu jiġi stabbilit li l-awtur tal-att ried il-qbid jew il-qtil ta' kampjun ta' speċi ta' annimali protetta, it-tfixkil ta' dawn l-ispeċi jew il-qerda tal-bajd, jew, tal-inqas, aċċetta l-possibbiltà ta' tali qbid, qtil, tfixkil jew qerda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen, C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

47 Issa, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, fid-dawl tar-rekwiżiti ta' unità u ta' koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-kunċetti użati mill-atti adottati fl-istess qasam għandu jkollhom l-istess tifsira (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Marvesa Rotterdam, C-7/23, EU:C:2024:257, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, fid-dawl tax-xebh, minn naħa, tat-termini tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar u, min-naħa l-oħra, tal-pożizzjoni li dawn l-artikoli jokkupaw fil-kuntesti regolatorji rispettivi tagħhom, il-kunċett ta' "intenzjonalità" li jinsab fl-imsemmi Artikolu 5 għandu jingħata l-istess interpretazzjoni bħal dik li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat ta' dan il-kunċett fil-kuntest tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats.

48 Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "intenzjonalità" fis-sens stabbilit fil-punt 46 ta' din is-sentenza tirriżulta mis-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-103/00, EU:C:2002:60, punti 34 sa 36), u tat-18 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-221/04, EU:C:2006:329, punt 71). Għaldaqstant, minn dan jista' jiġi dedott li, meta adotta matul is-sena 2009, id-Direttiva dwar l-għasafar, il-leġiżlatur tal-Unjoni, billi naqas milli jintroduċi preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjoni dwar in-natura intenzjonali li tinsab fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, sabiex, b'mod partikolari, jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-atti li ma għandhomx bħala għan il-qbid, il-qtil jew it-tfixkil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom, ried li din il-kundizzjoni tingħata l-istess tifsira bħal dik li huwa għandu fil-kuntest tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats.

49 Minn dan isegwi li l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw mhux biss għall-attivitajiet tal-bniedem li l-għan tagħhom huwa l-qbid, il-qtil u t-tfixkil tal-għasafar, jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet u tal-bajd tagħhom, iżda wkoll għall-attivitajiet tal-bniedem li, għalkemm ma għandhomx manifestament tali għan, jinkludu l-aċċettazzjoni tal-possibbiltà ta' tali qbid, qtil, tfixkil, qerda jew ħsara.

50 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-kwistjoni dwar jekk, meta l-għan ta' attività tal-bniedem ikun manifestament differenti mill-qbid, mill-qtil u mit-tfixkil ta' għasafar jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom, il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw biss sa fejn dawn ikunu neċessarji sabiex tinżamm jew tiġi adattata l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għal livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali, għandu jiġi kkonstatat li huwa biss l-Artikolu 5(d) tal-imsemmija direttiva li jipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fiha, jiġifieri dik ta' tfixkil tal-għasafar intenzjonalment, b'mod partikolari matul il-perijodu tar-riproduzzjoni u tat-trobbija, tapplika "sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet [tad-Direttiva dwar l-għasafar]".

51 Fir-rigward tal-portata ta' din il-kundizzjoni, għandu jitfakkar li l-għan tad-Direttiva dwar l-għasafar jikkonsisti, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħha, moqri fid-dawl tal-premessi 3, 5, 7 u 8 tagħha, fil-protezzjoni, fl-amministrazzjoni u fir-regolamentazzjoni tal-ispeċi kollha ta' għasafar li jinsabu fin-natura fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalih it-Trattati jkunu applikabbli sabiex tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom bħala patrimonju tal-popli Ewropej, li jimplika protezzjoni fit-tul billi tinżamm jew tiġi stabbilita mill-ġdid diversità u żona suffiċjenti tal-habitats. Fid-dawl ta' dan l-għan, din id-direttiva timponi fuq l-Istati Membri, bis-saħħa tal-Artikolu 2 tagħha, moqri flimkien mal-premessa 10 tagħha, l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi ta' għasafar għal livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali, b'mod li jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala sodisfaċenti. Għalhekk, il-frażi "sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet [tad-Direttiva dwar l-għasafar]", li tinsab fl-Artikolu 5(d) tal-imsemmija direttiva, għandha, fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, tiġi interpretata fis-sens li t-tfixkil, b'mod partikolari matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija, għandu jiġi pprojbit sa fejn dan ikollu effett sinjifikattiv fuq l-għan li l-popolazzjoni tal-imsemmija speċi ta' għasafar tinżamm jew tiġi adattata għal livell sodisfaċenti.

52 Għall-kuntrarju, l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva dwar l-għasafar ma jipprevedix kundizzjoni analoga għal dik li tinsab fl-imsemmija frażi tal-Artikolu 5 (d) ta' din id-direttiva.

53 Għalhekk, fl-assenza, fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva dwar l-għasafar, ta' kundizzjoni analoga għal dik li tinsab fl-Artikolu 5(d) ta' din id-direttiva, u fid-dawl tal-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-punti 46 sa 49 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu 5(a) u (b) ma hijiex suġġetta għal tali kundizzjoni, u dan indipendentement mill-fatt jekk l-attivitajiet tal-bniedem ikkonċernati għandhomx bħala għan jew le l-qbid jew il-qtil ta' għasafar, jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom.

54 Konsegwentement, b'differenza mill-Artikolu 5(d) tad-Direttiva dwar l-għasafar, l-Artikolu 5(a) u (b) ta' din id-direttiva ma jeskludix mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-attivitajiet tal-bniedem li ma jinvolvux ir-riskju li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-għan li tinżamm jew tiġi adattata għal

livell sodisfaċenti l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar, b'tali mod li l-eżami tal-effett ta' attività tal-bniedem fuq il-livell tal-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati ma huwiex rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti f'din l-aħħar dispożizzjoni.

55 Tali eżami huwa, għall-kuntrarju, rilevanti fil-kuntest tad-derogi għal dawn il-projbizzjonijiet, adottati skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen, C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 58).

56 Fil-fatt, huwa fil-kuntest tal-eżami ta' dawn id-derogi li għandha titwettaq, b'mod partikolari, sabiex tiġi vverifikata l-proporzjonalità tad-deroga mitluba, evalwazzjoni kemm tal-effett tal-attività inkwistjoni fuq il-livell tal-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati kif ukoll tan-neċessità ta' din l-attività kif ukoll tas-soluzzjonijiet alternattivi li jippermettu li jintlaħaq l-għan invokat insostenn tal-imsemmija deroga (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen, C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 59).

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jiġi interpretat fis-sens li, hija biss il-projbizzjoni prevista f'dan l-Artikolu 5(d) li tapplika sa fejn din tkun neċessarja sabiex jiġu evitati tfixkil li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-għan, previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li tinżamm jew tiġi adattata l-popolazzjoni tal-ispeċi kollha ta' għasafar li jinsabu fin-natura fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalih it-Trattati jkunu applikabbli f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreattivi. Għall-kuntrarju, l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(a) u (b) tal-imsemmija direttiva ma hijiex suġġetta għal tali kundizzjoni, anki meta l-għan tal-attività tal-bniedem ikkonċernata jkun differenti mill-qbid jew il-qtil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

58 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta d-data xjentifika u l-osservazzjonijiet ta' diversi għasafar jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-foresta li għandha tkun imnaddfa kompletament (tqaċċit totali tas-siġar) jew li fiha parti biss mis-siġar ser jitqaċċtu (qtugħ tas-siġar tal-kenn) tospita madwar għaxar koppji ta' għasafar li jbejtu għal kull ettaru, mingħajr ma tiġi stabbilita l-preżenza ta' tfisqija ta' speċi ta' għasafar fi stat ta' konservazzjoni sfavorevoli fiż-żona li ser titqaċċat, it-twettiq ta' tali tqaċċit matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija ta' għasafar jaqa' taħt il-projbizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni.

59 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-fatt li d-data xjentifika u l-osservazzjonijiet tad-diversi għasafar inkwistjoni ma jippermettux li tiġi stabbilita l-preżenza, fuq l-artijiet ikkonċernati, ta' speċi ta' għasafar fi stat ta' konservazzjoni sfavorevoli, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 45 ta' din is-sentenza, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ma huwiex limitat biss għall-ispeċi ta' għasafar f'tali stat ta' konservazzjoni.

60 Fit-tieni lok, meta t-tfisqija ta' madwar għaxar koppji ta' għasafar li jbejtu għal kull ettaru tkun ikkonstatata f'foresta li għandha tkun suġġetta għal operazzjoni ta' tqaċċit, il-fatt li hemmhekk jiġi pprattikat tqaċċit totali tas-siġar u qtugħ tas-siġar tal-kenn, matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar, jimplika l-aċċettazzjoni tal-possibbiltà li għasafar jinqatlu jew jiġu mfixkla matul dan il-perijodu, jew li l-bejtiet jew il-bajd tagħhom jinqerdu jew

issirilhom ħsara. Għalhekk, konformement mal-konstatazzjonijiet li jinsabu fil-punti 46 sa 56 ta' din is-sentenza, l-atti intiżi għall-prattika ta' tali qtugħ jaqgħu, fi kwalunkwe każ, taħt il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva dwar l-għasafar u sa fejn it-tfixkil li dawn jinvolvu jkollu effett sinjifikattiv fuq l-għan li tinżamm jew tiġi adattata f'livell sodisfaċenti l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati, jaqgħu taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5(d) ta' din id-direttiva.

61 Fit-tielet lok, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, ma jidhirx li huwa inġustifikat li l-konstatazzjoni ta' tfisqija ta' ċertu numru ta' koppji ta' għasafar għal kull ettaru tiġi bbażata fuq id-data xjentifika u fuq l-osservazzjonijiet ta' diversi għasafar, u b'mod partikolari, bħal f'dan il-każ, fuq it-tip u l-età tal-foresta kif ukoll fuq l-identifikazzjoni, waqt spezzjoni tal-artijiet ikkonċernati, ta' xi kampjuni.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta d-data xjentifika u l-osservazzjonijiet ta' diversi għasafar jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-foresta li għandha tkun imnaddfa kompletament (tqaċċit totali tas-siġar) jew li fiha parti biss mis-siġar ser jitqaċċtu (qtugħ tas-siġar tal-kenn) tospita madwar għaxar koppji ta' għasafar li jbejtu għal kull ettaru, mingħajr ma tiġi stabbilita l-preżenza ta' tfisqija ta' speċi ta' għasafar fi stat ta' konservazzjoni sfavorevoli fiż-żona li ser titqaċċat, it-twettiq ta' tali tqaċċit matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija ta' għasafar jaqa' taħt il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a) u (b) ta' din id-direttiva u, sa fejn it-tfixkil li dan it-tqaċċit jinvolvi jkollu effett sinjifikattiv fuq l-għan li tinżamm jew tiġi adattata f'livell sodisfaċenti l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati, jaqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5(d) tal-imsemmija direttiva.

Fuq ir-raba' sas-seba' domanda

63 Permezz tar-raba' sas-seba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar, moqri flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-imsemmija direttiva sabiex jitwettaq tqaċċit totali tas-siġar jew qtugħ tas-siġar tal-kenn matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar, sabiex tiġi evitata ħsara sinjifikattiva lill-foresta bħala forma ta' proprjetà u, fil-każ kuntrarju, jekk din l-istess direttiva hijiex konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta.

64 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi (sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Tneħħija tal-vittma tat-traffikar tal-bnedmin), C-66/21, EU:C:2022:809, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dan ir-rigward, it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, b'mod partikolari sabiex jipprevjenu ħsara serja lill-foresti.

66 Barra minn hekk, tali deroga tidher li tista' tingħata, fid-dritt Estonjan, fil-forma ta' awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju għall-Ambjent, konformement mal-Artikolu 55(3) sa (5^1) tal-LKS.

67 Issa, f'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lill-awtoritajiet Estonjani jippermettulhom jidderogaw mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar, billi jagħtuhom awtorizzazzjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 55(3) sa (5[1]) tal-LKS. F'dak li jirrigwarda, barra minn hekk, b'mod partikolari, Lemeks Põlva, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fl-appell, ġie kkonstatat li hija ma invokatx l-eżistenza ta' wieħed mill-motivi ta' deroga previsti f'din id-dispożizzjoni.

68 Peress li r-raba' sas-seba' domanda huma għalhekk ta' natura ipotetika, huma inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

hija biss il-projbizzjoni prevista f'dan l-Artikolu 5(d) li tapplika sa fejn din tkun neċessarja sabiex jiġu evitati tfixkil li jkollhom effett sinjifikattiv fuq l-għan, previst fl-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, li tinżamm jew tiġi adattata l-popolazzjoni tal-ispeċi kollha ta' għasafar li jinsabu fin-natura fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalih it-Trattati jkunu applikabbli f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreattivi. Għall-kuntrarju, l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(a) u (b) tal-imsemmija direttiva ma hijiex suġġetta għal tali kundizzjoni, anki meta l-għan tal-attività tal-bniedem ikkonċernata jkun differenti mill-qbid jew il-qtil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet jew tal-bajd tagħhom.

2) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva 2009/147

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

meta d-data xjentifika u l-osservazzjonijiet ta' diversi għasafar jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-foresta li għandha tkun imnaddfa kompletament (tqaċċit totali tas-siġar) jew li fiha parti biss mis-siġar ser jitqaċċtu (qtugħ tas-siġar tal-kenn) tospita madwar għaxar koppji ta' għasafar li jbejtu għal kull ettaru, mingħajr ma tiġi stabbilita l-preżenza ta' tfisqija ta' speċi ta' għasafar fi stat ta' konservazzjoni sfavorevoli fiż-żona li ser titqaċċat, it-twettiq ta' tali tqaċċit matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija ta' għasafar jaqa' taħt il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a) u (b) ta' din id-direttiva u, sa fejn it-tfixkil li dan it-tqaċċit jinvolvi jkollu effett sinjifikattiv fuq l-għan li tinżamm jew tiġi adattata f'livell sodisfaċenti l-popolazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati, jaqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5(d) tal-imsemmija direttiva.

Firem